## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 285/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Adel Alimi**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Adel Alimi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru: 412996M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-12 ta` Settembru, 2013, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta` filgħodu ġewwa tas-Sliema u / jew bnadi oħra, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta` wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li

jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta` dak is-servizz, **bi ksur tal-Art. 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta` Malta.**

2. Fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b`ħebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta` ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita` kompetenti, **bi ksur tal-Art. 96 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta` Malta.**

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b`għajjat u ġlied, **bi ksur tal-Art Kap 9 Sec 338 (dd).**

4. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indeċenti u oxxen li jikkonsisti f`dagħa jew għamel atti jew ġesti oxxeni jew b`xi mod ieħor offenda il-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubblika, **bi ksur tal-Art 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta` Malta.**

5. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel lill-ħaddiehor inġurji jew theddid mhux imsemmija band`oħra f`dan il-kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurjat b`mod li ħareġ barra mill-limiti, **bi ksur tal-Art. 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta` Malta.**

6. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, biex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f`xi dokument maħsub għal xi awtorita` pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta` tagħrif falz u dan **bi skur tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta` Malta.**

7. Fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi saq vettura numru LAD 197 b`manjiera traskurata u **dan bi ksur tal-Kap 65 tal-Art. 15(1a)(2);**

8. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta` vettura numru LAD 197 fit-triq jew f`post pubbliku meta ma kienx f`kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi u **dan bi ksur tal-Kap. 65 tal-Art. 15A;**

9. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi rrifjuta jew naqas milli jagħti skont il-liġi kampjun tan-nifs u **dan bi ksur tal-Kap. 65 tal-Art. 15E(4);**

10. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAB 197 b`sewqan eċċessiv u b`manjiera traskurata, negliġenti u perikoluża.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fis-27 ta' Gunju, 2014 li biha, filwaqt li sabet lill-imputat Adel Alimi mhux ħati tat-tieni, tielet, raba' u sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minnhom illiberatu, sabithu ħati tal-ewwel, il-ħames, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-għaxar imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu (bil-kwalifika tar-reat uniku kif imsemmi aktar 'l fuq bejn l-ewwel u l-ħames imputazzjoni kif ukoll bejn is-sebgħa u l-għaxar imputazzjoni) u kkundannatu għal multa komplessiva fl-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500) li ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' tithallas permezz ta' rati mensili ta' mitt euro (€100) bl-ewwel pagament isir fl-ewwel jum tax-xahar ta' Lulju 2014 u hekk kull ewwel tax-xahar suċċessiv ininterrottament u fil-każ li l-ħati jonqos li jħallas imqar pagament wieħed, huwa jitlef il-benefiċċju taż-żmien akkordat lilu u l-bilanċ kollu jkun dovut minnufih u jekk ma jitħallasx immedjatament ikun konvertit fi priġunerija bir-rata statutorja pro tempore; inoltre, ordnat l-iskwalifika tal-ħati milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax il-xahar li għandhom jibdew jgħoddu minn nofs il-lejl tal-għada li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx htija fl-imputazzjonijiet 2, 3, 4, u 6, u tilliberah mill-imputazzjonijiet l-ohra u taghti sentenza aktar ekwa u gusta;

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami singolari illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Huwa jargumenta illi minkejja li huwa fid-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti li temmen verzjoni minn ohra, u f'dan il-kaz emmnet dik tal-Pulizija, hemm indikaturi li juru li l-appellant kien qed jghid il-verita'. Inoltre, il-Pulizija ma kienux cari dwar il-manuvra fis-sewqan tal-appellant li kienet daqstant traskurata. B'mod alternattiv, l-appellant jghid illi huwa xufier ma' azjenda kummercjali u ma jistghax jahdem minghajr il-licenzja tas-sewqan tieghu;
2. Mill-att processwali jemergi illi l-ewwel Qorti kellha quddiemha zewg verzjonijiet ta' kif sehh dan l-incident. Minn naha wahda –Pulizija xehedu illi waqt li kienu ghaddejjin bil-vettura tas-servizz taghhom fis-siegha u nofs ta' filghodu raw vettura gejja mid-direzzjoni opposta izda fil-karreggjata taghhom u kellhom jiehdu azzjoni evaziva sabiex tkun skansata kollizzjoni. L-istess Pulizija daru lura u segwew lill-appellant filwaqt illi ghamlulu diversi sinjali sabiex jieqaf sakemm finalment waqaf. Malli avvicinawh innutaw li kellu riha ta' alkohol fuqu, rrifjuta li johrog mill-vettura izda inhareg bil-forza u hemmhekk bdiet ir-rimostranza versu l-pulizija. Meta il-Pulizija infurmawh li kienu ser jiehduh l-ghassa sabiex isirlu test tan-nifs irrezista l-arrest u beda joffendihom. Waqt li kien gewwa l-ghassa tas-Sliema, is-Surgent WPS 125 wissietu li kienet ser tghamillu t-test tan-nifs izda huwa rrifjuta u beda joffendiha ukoll u ghalhekk ttiehed gewwa l-lock-up fejn hemm beda jallega li kien issawwat mill-Pulizija. Dak il-hin stess, il-Pulizija inghataw struzzjonijiet sabiex l-appellant jittiehed ic-centru tas-Sahha tal-Furjana biex ikun ezaminat minn

tabib u minn dan l-ezami ma rrizultaw ebda offizi fuq il-persuna tieghu u ghalhekk rega' ttiehed gewwa l-lock-up;

3. L-appellant xehed illi ghalih kien kollox normali waqt li kien qed isuq lura lejn id-dar tieghu meta ra vettura gejja mid-direzzjoni opposta li kellha d-dawl fuq il-*bright*. Wara li lewa ghal-kantuniera li ried jidhol fiha sema xi *horn* ta' vettura izda ma tax kaz u wara li pparkja il-Pulizija fethulu l-bieb b'mod goff, imbuttawh fuq il-*bonnett* u libsulu l-manetti u bdew ituh bil-ponn fl-istonku. F'dak il-hin, il-Pulizija bdew jibzghu u telqu jigru bih lejn it-tabib. L-appellant jinnega li sarlu jew ttenta jsirlu test tan-nifs u jghid illi l-ezami mediku sar fil-lock-up il-Furjana;

4. Ezaminati bir-reqqa l-atti processwali, din il-Qorti ma tarax kif l-ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzzjoni diversa minn dik li wasslet ghaliha. Id-decizzjoni taghha hija radikata minn ghazla bejn verzjoni w ohra tal-fatti u din il-Qorti, bhal dik tal-ewwel grad, tqis illi dik kif rakkontata mill-appellant ma tabbracjax il-fatti kif verament sehhew. L-appellant kien fi stat tali li sahansitra jichad li qatt sarlu test ta' nifs; li l-ezami mediku sar fil-lock-up meta dan sar fic-centru tas-sahha gewwa l-Furjana kif tixhed l-istess tabiba; li huwa ttiehed direttament ghall-ezami mediku wara li nhareg mill-vettura tieghu meta din l-ordni inghatat waqt li kien gewwa l-Ghassa tas-Sliema; li minkejja li qala' dawk id-daqqiet fl-istonku ma kellu ebda tali sinjal jew tbengil. Jghid ukoll illi mhux minnu li ntalab jaghmel test tan-nifs u li dan sehh l-ghada tal-incident – haga din tal-ahhar li assolutament ma tghamilx sens ghaliex it-test tan-nifs naturalment huwa effettiv dak il-hin tal-allegata ubriakezza u mhux l-ghada. Mix-xhieda jemergi ukoll illi huwa kien fi stat tant intossikat li lanqas biss setghet tittiehidlu stqarrija;

5. Finalment, il-Pulizija kienu cari bid-deposizzjoni taghhom dwar is-sewqan tal-appellant u dan certament kien wiehed traskurat u ferm perikoluz meta filwaqt li kien f'dak l-istat saq fil-kareggjata l- hazina li fiha kienet gejja, mid-direzzjoni opposta, vettura tal-Pulizija li kellha taghmel manuvra biex tevita incident;

6. L-appellant, b'mod alternattiv, jargumenta illi huwa ghandu bzonn il-licenzja tas-sewqan tieghu peress illi jahdem bhala xufier ma' azjenda lokali. L-artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta igib mieghu l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan b'mod tassattiv u ghalhekk l-argument tal-appellant ma jistghax ikun akkolt minn din il-Qorti;

7. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun michud. It-terminu ta' sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan impost mill-ewwel Qorti jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u l-ewwel pagament mensili koncess mill-ewwel Qorti ghall-hlas tal-multa b'mod rateali ghandu jsir mill-ewwel jum tax-xahar t'Awwissu, 2017.